MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1207/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Vella u l-istess Mario Vella**

**vs**

**Joseph Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta’ Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta’ tlett mija u erbgha u tletin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm334.70), bhala risarciment ta’ danni, kwantu ghal tlett mija u disa’ liri Maltin u sebghin centezmu (Lm309.70) lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe, u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lil Mario Vella, minnhom sborsati bhala konsegwenza ta’ incident**

**awtomobilistiku li gara fit-22 ta' Lulju, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq ziemel fi Triq l-Imdina, Zebbug, huwa laqat u ghamel hsara fil-vettura numru KAH-703, proprieta` ta' l-attur Mario Vella u misjuqa minnu, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut noe ghandu jhallas l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April, 2002, u l-imghax legali b'effett mit-3 ta' April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghandhom ikunu michuda fil-fatt, fid-dritt u fil-mertu stante illi l-incident indikat fit-talba attrici kien kagunat tort uniku ta' l-istess attur Mario Vella u mhux tal-konvenut ;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' disa' mitt lira Maltija (Lm900.00) bhala hsarat u danni sofferti mill-istess Joseph Borg biz-ziemel tieghu meta l-attur Mario Vella, minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa' diehel bil-vettura tieghu KAH-703 fiz-ziemel misjuq mill-konvenut.**

**Ra li l-attur fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2002, iddikjara li qed jikkontesta l-kontro-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 318 Francis Rogers, Joseph Mula, WPC 172 Ruth Gauci, Mario Vella, PC 1493 Philip Borg u Joseph Borg. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fit-22 ta' Lulju, 21, fi Triq l-Imdina, Zebbug, bejn il-konvenut li kien qed isuq ziemel bis-serkin, u l-vettura numru KAH-703, proprieta` ta' l-attur Mario Vella u misjuqa minnu.**

**2. Saret ukoll kontro-talba ghad-danni sofferti fiz-ziemel bhala konsegwenza ta' l-incident.**

**3. Skond ir-Road Accident Report esibit Dok.FR1, l-attur qal li kien miexi fid-direzzjoni tar-Rabat, u l-konvenut kien qed isuq iz-ziemel f'nofs it-triq. L-attur ikkalkula li jghaddi, u meta kien qed jeffettwa s-sorpass iz-ziemel gie fih. Id-danni fil-vettura ta' l-attur kienu fuq in-naha tax-xellug, fil-mudguard, il-bieba, u l-mudguard ta' wara, u dana kif jirrizulta wkoll mir-ritratt Dok.JM u s-survey Dok.JM2.**

**4. Fl-istess rapport tal-pulizija ntqal illi l-konvenut stqarr li sab il-vetturi pparkjati mal-genb, u peress li tal-vann daqqlu l-horn ghamel sinjal li ried jikser ghal gol-karreggjata tieghu, u saret il-kollizzjoni.**

**5. Jirrizulta li s-serkin ma kellux hsara, u li z-ziemel lanqas ma kien mwegga' u dana skond ma xehed PS 318 Francis Rogers. Ghalkemm ghandu jinghad li skond certifikat Dok JB mahrug mill-veterinarju Claes Skalin, iz-ziemel kien imwegga' fis-sieq ta' quddiem tal-lemin u li minhabba tali nfjammazzjoni z-ziemel kellu jinqatel.**

**6. L-attur Mario Vella xehed li kien qed isuq fil-karreggjata ta' mas-"central strip", cioe` fil-karreggjata ta' barra. Kien qed jara lill-konvenut quddiemu li kien miexi fil-karreggjata ta' gewwa pero` vicin ghan-nofs it-triq. L-attur paqpaqlu, ghaddieh, u kif ghaddieh sema' hoss. Skond l-attur huwa intlaqat bis-serkin. Jghid ukoll li l-hsara kienet hafifa fuq quddiem u l-aktar hsara kienet mill-bieba ta' wara lura.**

**7. Jirrizulta li wara l-incident il-konvenut telaq minn fuq il-post, filwaqt li l-attur irrapporta u marru l-pulizija fuq il-post. Kif xehed PC 1493 Philip Borg : « Joseph Borg qalli li mad-daqqa z-ziemel waqa' u rega' qam u peress li ma kellu xejn, la s-serkin u lanqas iz-ziemel, hu kien telaq l'hemm ». Jghid ukoll : « Borg qalli li kien resaq il-barra u kienet saret il-kollizzjoni. »**

**8. Illi ghandu jinghad illi l-konvenut qal li tal-van tilef il-kontroll, zamm brake, l-vann perper u laqtu fuq ir-rota u tefalu z-ziemel ma' l-art. Il-konvenut jispjega li ha z-ziemel lejn ir-razzett ghax rah ecitat. Il-konvenut jallegali li kien hemm brake marks ta' 150metru. Dan il-fatt ta' l-ahhar ma giex rilevat mill-**

**pulizija u li kieku tassew kien hemm tali brake mark, ma hemmx dubbju li dan kien jigi rilevat. Ghandu jinghad ukoll illi ghalkemm il-konvenut esebixxa c-certifikat mediku, ma hemm ebda prova konklusiva li tabbina dak li gara liz-ziemel ma' l-incident. Apparti li c-certifikat esebit lanqas ma hu guramentat, iz-ziemel skond ma jghid l-konvenut miet sena u nofs wara l-incident. Fic-cirkostanzi definittivament wiehed ma jistax jattribwixxi dak li gara liz-ziemel bhala konsegwenza diretta ta' l-incident. It-Tribunal jirrileva certa in konsistenza fid-deposizzjoni tal-konvenut max-xhieda l-ohra specjalment max-xhieda tal-pulizija u fic-cirkostanzi ma jarawx il-ghala ghandha tigi accettata l-versjoni moghtija mill-konvenut.**

**9. Mix-xhieda jirrizulta li l-attur definitivament ma kellu ebda tort ghall-incident li sehh. Jirrizulta li l-konvenut kien ferm negligenti, meta dana qabad u ttanta jibdel karreggjata, meta kien jaf ben tajjeb li kien gej it-traffiku minn warajh immedjat. Tant kien vicin tieghu l-attur li fil-fatt ma garrab ebda danni fuq il-genb ta' quddiem nett, kif fil-fatt xehed l-istess konvenut, u dana jindika li l-konvenut immanuvra bl-akbar leggerezza u non-curanza ghat-traffiku li kien ghaddej minn hdejh.**

**10. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.**

**11. Bhala danni dawna jirrizultaw fl-ammont reklamat fl-avviz, filwaqt li ma tirrizultax pruvata l-kontro-talba tal-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, qed jichad il-kontro-talba tal-konvenut, u qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` Elmo Insurance Agency Limited noe s-somma ta' tlett mija u disa' liri Maltin u sebghin centezmu (Lm309.70), u lill-konvenut Mario Vella s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), bl-imghaxijiet legali fuq l-ammonti imsemmija mit-3 ta' April, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez tat-talba, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April, 2002, kif ukoll l-ispejjez tal-kontro-talba, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------